**Motivi u argumenti prinċipali**

Bir-rikors tagħha, il-Kummissjoni tilmenta li l-Italja ma ttrasponietx korrettement, fid-diversi partijiet tat-territorju nazzjonali tagħha, id-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE, tal-21 ta' Mejju 1991, dwar it-trattament tal-ilma urban mormi.

Qabel kollox, il-Kummissjoni tirrileva ċertu numru ta' ksur tal-Artikolu 3 tad-Direttiva li jipprovdi, fit-tieni subparagrafu tas-subartikolu 1 u fis-subartikolu 2 tiegħu li, għall-ilma mormi urban li jispiċċa f'ilmijiet li jilqgħu dan id-drenaġġ u li huma kkunsidrati bħala "żoni sensittivi" kif imfisser taħt l-Artikolu 5 ta' din id-direttiva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li sistemi ta' ġbir konformi mal-ispeċifikazzjonijiet tal-Anness I tat-Taqsima A jkunu disponibbli sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 1998 għall-agglomerazzjonijiet kollha ta' iktar minn 10 000 e.p. F'diversi agglomerazzjonijiet tar-reġjun ta' Lombardia li jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet, dan l-obbligu ma ġiex implementat korrettement.

Barra minn hekk, l-Artikolu 4 tad-Direttiva jipprovdi, fis-subartikoli 1 u 3, li sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2000 għall-iskariki kollha minn agglomerazzjonijiet ta' iktar minn 15 000 e.p., u sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2005 għall-iskariki kollha minn agglomerazzjonijiet ta' bejn l-10 000 u l-15 000 e.p., l-Istati Membri kellhom jiżguraw li l-ilma urban mormi li jidħol f'sistemi ta' ġbir ikun issuġġettat, qabel ma jintrema, għal trattament sekondarju jew għal trattament ekwivalenti, b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Anness I tat-Taqsima B. Il-Kummissjoni kkonstatat li dawn id-dispożizzjonijiet ma kinux ġew osservati f'sensiela ta' agglomerazzjonijiet li jinsabu fir-reġjuni ta' Abruzzo, ta' Friuli-Venezia-Giulia, ta' Lombardia, ta' Marches, ta' Piemonte, ta' Sardegna, ta' Sicilia, ta' Valle d'Aosta u ta' Venezia.

Sussegwentement, l-Artikolu 5 tad-Direttiva jipprovdi, fis-subartikoli 2 u 3 tiegħu, li, sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 1998 għall-iskariki kollha minn agglomerazzjonijiet ta' iktar minn 10 000 e.p. l-Istati Membri kellhom jiżguraw li l-ilma urban mormi li jidħol f'sistemi ta' ġbir ikun issuġġettat, qabel ma jintrema f'żoni sensittivi, għal trattament iktar rigoruż minn dak deskritt fl-Artikolu 4. Il-Kummissjoni kkonstatat li dawn id-dispożizzjonijiet ma kinux ġew osservati f'sensiela ta' agglomerazzjonijiet tar-reġjuni ta' Abruzzo, ta' Friuli-Venezia-Giulia, ta' Lazio, ta' Puglia, ta' Sardegna u ta' Sicilia.

Finalment, in-nuqqas ta' osservanza tal-Artikoli 4 u 5 tad-Direttiva 91/271/KEE iwassal ukoll għall-ksur tal-Artikolu 10 tad-Direttiva li jipprovdi li l-impjanti ta' trattament ta' ilma urban mormi għandhom ikunu ppjanati, mibnija, mħaddma u miżmuma biex jiżguraw operat suffiċjenti taħt il-kondizzjonijiet klimatiċi normali kollha tal-post fejn jinsabu.

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 26

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour de cassation (il-Belġju) fit-22 ta' Frar 2013 — Philippe Gruslin vs Citibank Belgium SA**

**(Kawża C-88/13)**

(2013/C 147/17)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Cour de cassation

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Philippe Gruslin

*Konvenuta:* Citibank Belgium SA

**Domanda preliminari**

L-Artikolu 45 tad-Direttiva tal-Kunsill 85/611/KEE, tal-20 ta' Diċembru 1985, dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li jirrelataw għal impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) [1] għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kunċett ta' "pagamenti lil titolari ta' unitajiet" jirrigwarda wkoll il-kunsinna, lil titolari ta' unitajiet, ta' ċertifikati ta' unitajiet irreġistrati?

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 139.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Raad van State (il-Pajjiżi l-Baxxi) fil-25 ta' Frar 2013 — Essent Energie Productie BV vs Minister van Sociale Zaken en Werkgelegenheid**

**(Kawża C-91/13)**

(2013/C 147/18)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

**Qorti tar-rinviju**

Raad van State

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Essent Energie Productie BV

*Konvenut:* Minister van Sociale Zaken en Werkgelegenheid

**Domandi preliminari**

(1) F'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, persuna responsabbli għal xogħlijiet li, skont l-Artikolu 2(1) tal-Liġi Olandiża tal-1994 dwar ix-xogħol ta' barranin,

għandha titqies bħala l-persuna li timpjega l-ħaddiema Torok ikkonċernati, tista' tinvoka, fil-konfront tal-awtoritajiet Olandiżi, ir-regola ta' standstill li tinsab fl-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni Nru 1/80 ([1]) jew dik li tinsab fl-Artikolu 41 tal-Protokoll Addizzjonali ([2])?

(2) (a) Ir-regola ta' standstill li tinsab fl-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni Nru 1/80 jew dik li tinsab fl-Artikolu 41 tal-Protokoll Addizzjonali għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu l-introduzzjoni ta' projbizzjoni, bħal dik li tinsab fl-Artikolu 2(1) tal-Liġi Olandiża tal-1994 dwar ix-xogħol ta' barranin, għall-persuni responsabbli għal xogħlijiet li jgħaddu t-twettiq ta' xogħol fil-Pajjiżi l-Baxxi lil ħaddiema ċittadini ta' pajjiż terz, f'dan il-każ it-Turkija, mingħajr permess ta' xogħol, f'sitwazzjoni fejn il-ħaddiema msemmija huma impjegati minn impriża Ġermaniża u jwettqu x-xogħol tagħhom għal impriża utenti Olandiża kkuntrattata mill-persuna responsabbli għal xogħlijiet fil-Pajjiżi l-Baxxi?

(b) F'dan id-dawl, huma rilevanti l-fatt li, saħansitra qabel id-dħul fis-seħħ kemm tar-regola ta' standstill li tinsab fl-Artikolu 41 tal-Protokoll Addizzjonali u kemm ta' dik li tinsab fl-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni Nru 1/80, persuna li timpjega kienet ipprojbita milli tgħaddi t-twettiq ta' xogħol lil persuna barranija fuq il-bażi ta' kuntratt ta' xogħol mingħajr permess ta' xogħol u l-fatt li din il-projbizzjoni kienet ukoll imwessa', qabel id-dħul fis-seħħ tar-regola ta' standstill li tinsab fl-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni Nru 1/80, sabiex tkopri l-impriżi utenti li lilhom ikunu kkollokati barranin?

([1]) Deċiżjoni Nru 1/80, tad-19 ta' Settembru 1980, dwar l-iżvilupp tal-Assoċjazzjoni KEE-Turkija.
([2]) Protokoll addizzjonali għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni KEE-Turkija, iffirmat fit-23 ta' Novembru 1970 fi Brussell u konkluż, approvat u kkonfermat f'isem il-Komunità permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2760/72, tad-19 ta' Diċembru 1971 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 11, p. 41).

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Hoge Raad der Nederlanden (il-Pajjiżi l-Baxxi) fil-25 ta' Frar 2013 — Gemmente 's-Hertogenbosch, parti oħra: Staatssecretaris van Financïen

**(Kawża C-92/13)**

(2013/C 147/19)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

### Qorti tar-rinviju

Hoge Raad der Nederlanden

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrent:* Gemeente 's-Hertogenbosch

*Konvenut:* Staatssecretaris van Financïena

### Domandi preliminari

Is-sentenza introduttiva tal-Artikolu 5(7) u l-Artikolu 5(7)(a) tas-Sitt Direttiva ([1]) għandhom jiġu interpretati fis-sens li s-sitwazzjoni, li fiha muniċipalità tokkupa għall-ewwel darba proprjetà immobbli li hija bniet fuq l-art tagħha stess u li minnha ser tuża 94 % għall-attivitajiet tagħha bħala awtorità pubblika u 6 % għall-attivitajiet tagħha bħala persuna taxxabbli, li 1 % minnhom għal provvisti eżenti li ma jagħtux lok għal dritt għal tnaqqis, hija meqjusa bħala provvista bi ħlas?

([1]) Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23)

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-College van Beroep voor het Bedrijfsleven (il-Pajjiżi l-Baxxi) fl-4 ta' Marzu 2013 — P.J. Vonk Noordegraaf vs Staatssecretaris van Economische Zaken

**(Kawża C-105/13)**

(2013/C 147/20)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

### Qorti tar-rinviju

College van Beroep voor het Bedrijfsleven

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrent:* P.J. Vonk Noordegraaf

*Konvenut:* Staatssecretaris van Economische Zaken

### Domandi preliminari

Ir-Regolament (KE) Nru 73/2009 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 34, 36 u 137 tiegħu, ikun applikat korrettament jekk, meta juża drittijiet għal pagament miksuba abbażi ta' produzzjoni li ma hijiex marbuta ma' raba, li ġew imputati lis-superfiċi fil-pussess tiegħu, bidwi ma jiksibx il-ħlas ta' parti kbira minn dawn id-drittijiet, minkejja li jkun iddikjara in *bona fide,* b'mod konformi mal-metodu ta' kejl applikat mill-Istat Membru fil-kuntest tal-attivazzjoni tad-drittijiet għal pagament skont l-Artikolu 34 ta' dan ir-regolament, is-superfiċi ammissibbli tal-ettari invarjabbilment fil-pussess tiegħu, li però sussegwentement ġiet